# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 20 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 13**
**Rikors Guramentat Numru : 1127/2014/LSO**

**Victor Scerri (K.I. 313942M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Victor Scerri (K.I. 313942M); datat 11 ta' Dicembru 2014 fejn ikkonferma s-segwenti fatti liema fatti huwa jaf bihom personalment : -

Illi l-esponent huwa iben il-mejtin Carmel Scerri u Mary Scerri nee` Baldacchino mwieled fit-tmienja (8) ta' April tas-sena elf disa' mija tnejn u erbghin (1942) hekk kif jirrizulta mill-att ta' twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 3139 tas-sena 1942 li kopja tieghu tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A ,

Illi hekk kif jirrizulta mill-kopja annessa, fl-att ta' twelid tal-esponenti, kunjom missier u omm l-esponent gie registrat bhala 'Xerri';

Illi madankollu, l-esponenti kien minn dejjem maghruf bil-kunjom "Scerri" liema kunjom huwa dak li llum huma bih maghrufa mhux biss l-esponenti izda anke martu Maria Dolores *sive* Doris Scerri kif ukoll uliedhom Timothy u Daniel ahwa Scerri;

Illi fil-fatt anke l-istess genituri tal-esponenti kienu maghrufa bil-kunjom "Scerri" tant li fic-certifikat tal-mewt ta' missier l-esponenti, l-imsemmi Carmelo Scerri, kopja ta' liema certifikat tinsab hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. B", liema registrazzjoni ggib in-numru tal-iskrizzjoni 1823 tas-sena 1999, id-Direttur konvenut taht il-kolonni "Isem u kunjom tal-mejjet u Jekk hux mizzewweg/mizzewga jew le, armel jew armla" nizzel il-kunjom "Xerri known as Scerri" L-istess jghodd ghall-partikolaritajiet ta' omm l-esponenti Mary Scerri nee' Baldacchino;

Illi l-indikazzjom ta' kunjom l-esponenti u missieru bhala "Xerri" hija zbaljata ghaliex il-familja tal-esponenti kienet minn dejjem maghrufa bil-kunjom "Scerri" u mhux "Xerri" u dan kif ser jirrizulta anka mix-xhieda tal-hbieb u l-familjari tar-rikorrent fil-mori tal-odjerna kawza. L-esponenti anke ghamel ricerka fl-Arkivji Parrokkjali u f' dan ir-rigward ikun floku li wiehed iqis ir-registrazzjoni taz-Zwieg tal-esponent fl-*istatus Animarum* tal-Parrocca tal-Madonna tas-Sacro-Cuor, Tas-Sliema Volum IV Pagna 329 Numru 804 ta' liema estratt qieghed jigi hawn anness u esebit bhala "Dok. C" u minn fejn jirrizulta car kunjom l-esponenti bhala “Scerri” ;

Illi fil-fatt, mart l-esponenti sa minn meta zzewwget lill-esponenti fl-1964 kienet maghrufa bhala "Scerri" u l-passaporti taghha bhal dawk tal-esponenti zewgha kienu jinhargu bil-kunjom Scerri. Gara madankollu li madwar xahrejn ilu, l-esponenti mar japplika ghal tigdid tal-passaport flimkien ma' martu u gie nfurmat li fil-waqt li dak ta' mart l-esponenti kien se jinhareg kif solitu jsir bil-kunjom "Scerri", tal-esponenti ghall-ewwel darba kien se jinhareg bil-kunjom "Xerri". Minn tiftix li ghamel l-esponenti irrizulta li r-raguni ghal dan kienet li fir-registrazzjoni tat-twelid tal-esponenti kunjom missieru hu indikat bhala "Xerri" u mhux "Scerri". Fil-fatt huwa fittex u sab fil-karti li kellu missieru c-certikat tat-twelid li qieghed jigi anness bhala Dok. A;

Illi dan il-fatt holoq hafna inkwiet lill-esponenti peress li ghandu l-atti kollha li jirrigwardawh inkluz kuntratti ta'

proprjeta`, kontijiet bankarji u dokumenti ohra pubblikati bil-kunjom "Scerri";

Illi ghaldaqstant kellha ssir dina l-kawza sabiex il-kunjom fuq ic-certifikati *de quo* jigi korrett.

Illi r-raguni ta' din it-talba hi li ghad li l-esponenti kien minn dejjem maghruf bil-kunjom "Scerri" fir-registrazzjoni tat-twelid tal-esponenti, kunjom missier l-esponenti hu indikat bhala "Xerri" u mhux "Scerri" u kwindi hemm lok li jsiru l-opportuni korrezzjonijiet fl-atti ta' stat civili li jirrigwardaw lill-esponenti fis-sens li dawn jigu jaqraw "Scerri";

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-esponenti hu maghruf bil-kunjom "Scerri" u bl-ebda kunjom iehor;

2. Tiddikjara illi fl-att tat-twelid tar-rikorrent bin-numru ta' iskrizzjoni 3139 tas-sena 1942 fil-parti dwar il-partikolaritajiet tal-genituri u senjatament fil-kolonna dwar isem u kunjom il-genituri tal-esponenti, il-kunjom "Xerri" ghandu jigi sostitwit b' "Scerri";

3. Tordna lill-intimat sabiex jikkoregi l-att fuq imsemmi billi fil-kolonna dwar isem u kunjom il-genituri tal-esponenti fl-att tat-twelid tar-rikorrent bin-numru ta' iskrizzjoni 3139 tas-sena 1942, il-kunjom "Xerri" jigi sostitwit b' "Scerri";

4. Tordna lill-intimat sabiex jaghmel l-opportuni korrezzjonijiet f' kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess rikorrent;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li minn issa qed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta' Frar 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 15 ta' Jannar 2015 (fol 16) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrent ghandu jindika wkoll taht liema artikolu tal-ligi qed jaghmel din l-azzjoni.

3. Illi l-esponenti jirriserva li dan ma hux kaz fejn effettivament sar zball li jrid jigi korrett. Skont l-att tat-twelid tar-rikorrenti numru 3139 tas-sena 1942 (anness u mmarkat Dok DRP 1) jirrizulta b'mod car li kien proprju missier ir-rikorrenti Carmel Xerri li kien id-dikjarant u ta' l-

informazzjoni kollha li mbagbad tnizzlet fic-certifikat tar-rikorrenti u sahansitra ffirma l-istess att. Fil-fatt missier ir-rikorrent iffirma l-att bhala “C Xerri”;

4. Illi peress li skont il-ligi Maltija, wild jiehu awtomatikament kunjom il-missier u f’dan il-kaz kunjom missier ir-rikorrenti huwa “‘Xerri” konsegwentement ir-rikorrereti wkoll ha dak il-kunjom u ghalhekk ma jidhirx li sar xi zball min-naha tal-intimat. F'dak iz-zmien li gie registrat l-imsemmi att ta' twelid u cioe` s-sena 1942, ma kienx hemm ezistenti sistema kompjuterizzata ta' gabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti Ghaldaqstant l-ufficcjali tar-Registru Pubbliku kienu jistriehu fuq id-dikjarazzjoni ta’ dik li jafferma l-korrezzjoni tal-informazzjoni li kienet titnizzel fl-att in kwistjoni;

5. Illi d-dokument li gie anness mar-rikors promotur immarkat Dok. 8 jikkonferma wkoll li effettivament kunjom missier ir-rikorrenti huwa "Xerri" (maghruf bhala "Scerri") u allura jibqa’ l-fatt li kunjomu proprja huwa "Xerri" izda apparentement gara li matul hajtu ghazel li juza l-kunjom "Scerri" biex b'hekk sar maghruf b’ dan il-kunjom,

6. Illi nghid ukoll illi f'atti ohra li jinsabu ghand ir-Registru Pubbliku li jirrigwardaw in-nannu patern tar-rikorrenti, effettivanent il-kunjom dejjem tnizzel bhala "Xerri".

7. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq espost, fl-att tat-twelid in kwistjoni ma hemm l-ebda kolonna li tirreferi ghall-kunjom tar-rikorrenti u t-talbiet numru 2 u 3 huma

insostenibbli *stante* li kif gie spjegat ikar 'il fuq ma jirrizultax li sar zball fil-kunjom tal-genituri tar-rikorrenti. Jekk ma jirrizultax li sar zball wiehed ma jistax jaqbad u jbiddel il-kunjom ta' persuna wara mewtu.

8. Illi minghjar pregudizzju ghas-suespost id-Direttur tar-Registru Pubbliku m'ghandux jigi akkollat bl-ispejjez tal-proceduri istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 22 ta' Ottubru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher ir-rikorrent assistit minn Dr John Bonello. Dehret Dr Stephanie Borg ghad-Direttur Intimat. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Dicembru 2015 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tal-15 ta' Dicembru 2015 fejn billi l-Qorti kienet impenjata fuq xoghol iehor, din il-kawza giet differita ghall-Erbgha, 20 ta' Jannar 2016 fid-9:30a.m. ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attur qieghed jaghmel din il-kawza sabiex jigi korrett l-att tat-twelid tieghu biex kunjomu hemm registrat jigi korrett u sostitwit bil-kunjom "Scerri". Dan peress li kien konsistentement maghruf bil-kunjom Scerri. It-talba fil-kaz in ezami qed issir *ai termini* tal-Artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili liema artikoli jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba ghall-korrezzjonijiet u registrazzjoni tal-ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fis-16 ta' Dicembru 2014 (fol 15) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur hija sorvolata.

Xehed **Victor Scerri** permezz ta' affidavit, fejn ikkonferma li minn meta kien l-iskola kiteb kunjomu bl-"Sc" u kull dokument li kellu bzonn, inkluz dawk bankarji dejjem kiteb kunjomu bl-"Sc". Semma li l-ewwel darba li sar jaf b'kif kien imnizzel il-kunjom tieghu kien fl-ahhar tas-sena 2004 meta mar biex igedded il-passaport. Hu jixtieq li peress li maghruf bhala Victor Scerri, kunjomu jitnizzel bhala Scerri.

Illi mill-ezami tac-certifikati esebiti, ma jirrizultax li sar zball fl-isem ta' missier ir-rikorrent. Anzi mic-certifikat tat-twelid ta' missier ir-rikorrent esebit mill-intimat, jirrizulta minghajr l-ebda dubbju li kunjomu, u konsegwentement kunjom ir-rikorrent, huwa fil-fatt 'Xerri'. Dan hu rifless fic-certifikat tat-

twelid tar-rikorrent fejn missieru huwa mnizzel bil-kunjom 'Xerri'. Kif jghid sew l-intimat, skont il-ligi taghna, t-tfal jiehdu l-kunjom ta' missierhom. Ghalhekk kunjom ir-rikorrent huwa korrettement imnizzel bhala 'Xerri'.

Huwa minnu li mal-milja tas-snin kemm missier ir-rikorrent, kif ukoll hu stess uzaw il-kunjom bl-'Sc' minnflok bl-'X'. tant li fic-certikat ta' mewt ta' missieru, id-decujus hu mnizzel bhala Carmelo Xerri *known as* Scerri. Minhabba din l-usanza kontinwa, jirrisulta mic-certifikat parrokkjali taz-zwieg tar-rikorrent li kunjomu, u sahansitra kunjom missieru, kienu tnizzlu minghajr l-ebda diffikulta' bhala 'Scerri.' Lanqas mhu kontradett li dokumenti ufficjali bhal passaport u karta tal-identita' tar-rikorrent inhargu bil-kunjom 'Scerri.'

Illi fid-dawl ta’ dawn il-provi din il-Qorti hi soddisfatta li l-attur irnexxielu jipprova li hu kien konsistentement maghruf bil-kunjom “Scerri” . Il-kwezit hu jekk dan hu bizzejjed biex jiggustifika t-talba skont il-Ligi.

**Dritt**

Fil-kors tat-trattazzjoni gie ccarat mir-rikorrent li qed jakkampa fuq **l-artikolu 253 tal-Kodici Civili.**

**Ikkonsidrat** li t-talba odjerna hija ghat-tibdil fil-kunjom (*nom de famille)* u mhux fil-*prenom* tar-rikorrent.

Riferibbilment ghall-**artikolu 253(2) tal-Kap, 16 ,** ghandu jinghad minnufih li t-talba odjerna ma tikkoncernax il-prenom tar-rikorrent imma kunjomu. Ghalhekk it-talba mhiex inkwadrata fl-artikolu 253(2) tal-Kodici Civili li tirrigwarda l-ismijiet, imma mhux il-kunjom tal-persuna kkoncernata (**Damian Damian-Schembri v Direttur tar-Registru Pubbliku** -PA JF - 1 ta' Frar 2001).

Ir-rikorrent ghamel riferenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **"Simone Scerri pro et nomine v Direttur tar-Registru Pubbliku "** (PAJA - 24 ta' Frar 2012) in sostenn tat-tezi tieghu. F'dik is-sentenza l-Qorti laqghet it-talbiet attrici u ordnat korrezzjoni ghat-tibdil tal-kunjom 'Xerri' ghal 'Scerri' minkejja li ma kien jirrizulta l-ebda zball fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti. Ma jirrizultax mis-sentenza esebita li dik il-Qorti ma dahhlitx fl-aspett legali u ghalhekk is-sentenza ma tistax isservi bhala gwida f'din l-istanza.

Huwa minnu li hemm skorta ta' giurisprudenza anke segwita minn din il-Qorti. Fil-kaz **Leonard Ellul sive Ellul Mercer et v Direttur tar-Registru Pubbliku -** (PA(JRM) - 21 ta' Marzu 2002) gie ribadit li : - "*Illi l-bidla f'Atti tal-Istat Civili hija mahsuba mill-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess ta' terzi, u hija f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbiet ghat-tiswija jew annotazzjoni f'atti bhal dawn.*" Izda dan sar fl-isfond ta' talbiet ghal zieda ta' kunjom mal-kunjom tal-familja tal-attur/attrici f'dawk il-kawzi. Il-kaz odjern huwa

differenti billi qed tintalab bidla fil-kunjom fl-assenza ta' zball.

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, u fl-assenza tal-intervent tal-legislatur, ma tistax takkolji t-talbiet odjerni ghalhiex tibdil fil-kunjom jista' biss isir f'kaz ta' zball (Art.253(1) tal-Kap 16). Kif gie ribadit fil-kaz **Nardu Balzan Imqareb v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA(PS) - 30 ta' Gunju 2004) "*Premessi dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' dritt in subjecta materia, ma jidhirx illi fl-istat tal-ligi Maltija dak li jkun jista' bis-semplici volonta` tieghu jippretendi li jista' jibdel kunjomu jew jezigi rettifika f' dan is-sens anke jekk ghalih ikun jissarraf bhala xi sinjal distintiv ta' l-identita` tieghu. Kif rilevat proprju fis-sentenza fl-ismijiet "**Karmnu Balzan Imqareb -vs- Margaret Mortimer nomine**", Appell Civili, 20 ta' Novembru 1971, "ma huwiex regolari, fis-silenzju tal-ligi taghna, li marte proprio wiehed jadotta kunjom gdid jew kapriccjozament ivarja kunjomu fil-mentri li jinsab registrat taht kunjom iehor*";

Illi konsiderazzjoni ohra li timmilita kontra uhud mit-talbiet attrici huwa fis-sens li qed jitlob tibdil fil-kunjom ta' missieru senjatament fit-tieni u fit-tielet talbiet meta jirrizulta li kunjom missieru, u konsegwentement kunjom ommu huwa fil-fatt 'Xerri'.

Il-Qorti hija konxja li l-kunjomijiet Xerri u Scerri jinstemghu fonetikament l-istess izda ma jinkitbux bl-istess mod, u mhumiex l-istess kunjom, altrimenti ma jkunx hemm bzonn il-kawza odjerna.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess ser tichad it-talbiet bhala ingustifikati fil-Ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **tichad** it-talbiet tar-rikorrent bhala ingustifikati fil-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**20 ta' Jannar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**20 ta' Jannar 2016**